**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 13 t'Awwissu 2019

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 3

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 3 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu 2019 fis-1pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
03.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
03.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
03.5 Rapporti;
03.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
03.7 Aġġornament dwar ix-xogħol minn Infrastruttura Malta fi Triq it-Tempesta;
03.8 Aġġudikazzjoni tat-Tender dwar Miżura 4.4 – Reconstruction of Rubble Walls in Qrendi (EAFRD) – QLC – DRRW 49/19;
03.9 Aġġudikazzjoni tat-Tender tal-Manutenzjoni tat-Tabelli u s-Sinjali tat-Traffiku – QLC – TSRM 49/19;
03.10 Aġġudikazzjoni tat-Tender għal Servizzi Professjonali tal-Perizja – QLC – ARC 49/19;
03.11 Business Plan għall-ħames snin li ġejjin mill-Kunsill Lokali;
03.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
03.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-3 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 19 t'Awwissu 2019 fit-3pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fil-5pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 03.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

03.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

## 03.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

03.2.1 Il-Minuti tat-2 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

03.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 03.3, 03.4 u 03.5 jiġu diskussi wara Minuta 03.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 03.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

03.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li llum stess iltaqa' mal-avukat li preżentament qed jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi sabiex jekk huwa possibbli dan il-kuntrattur jitwaqqaf u jinħareġ tender ġdid għal dawn ix-xogħolijiet.

03.6.2 L-avukat jixtieq jiltaqa' mal-Perit responsabbli minn dan il-proġett sabiex jiċċekkja eżatt kif inhuma l-penaltajiet relatati ma' dan it-tender u wara li ssir din il-laqgħa, il-kuntrattur għandu jitwaqqaf uffiċjalment.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

03.6.3 Qal li jittama li fil-laqgħa li jmiss ikun jista' jirraporta li kien hemm xi żviluppi dwar dan il-proġett.

## 03.7 AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦOL MINN INFRASTRUTTURA MALTA FI TRIQ IT-TEMPESTA

03.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li Infrastruttura Malta taw it-tieni saff tat-tarmak fis-service roads ta' Triq it-Tempesta.

03.7.2 Qal li għadhom qegħdin jistennew l-esproprijazzjoni ta' żewġ biċċiet art fi Triq it-Tempesta sabiex ikunu jistgħu jinfetħu s-service roads kollha.

03.7.3 Barra minn hekk, għadhom ukoll qegħdin jistennew permess mill-ERA sabiex jinqalgħu xi siġar min-naħa ta' barra ta' Triq it-Tempesta (direzzjoni lejn l-Imqabba) sabiex tinfetaħ is-service road t'hemmhekk.

03.7.4 Qal li tkellimna m'Infrastruttura Malta dwar xi irqaqat żgħar li hemm bżonn isiru fil-by-pass.

03.7.5 Żied li ser isiru żewġ roundabouts u mill-informazzjoni li għandna jidher li ser ikunu ta' 7 metri 'l-waħda.

## 03.8 AĠĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER DWAR MIŻURA 4.4 – RECONSTRUCTION OF RUBBLE WALLS IN QRENDI (EAFRD) – QLC – DDRW 49/19

03.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li b'kollox kien hemm tliet offerti mingħand is-segwenti:

- Idea Plan Ltd;
- S. Spagnol Construction Ltd;
- Paul Borg.

03.8.2 Qal li fl-ewwel laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni kien hemm bżonn tintbagħat xi kjarifika lil wieħed mill-offerenti u s'issa għadhom m'għaddewx il-ħamest ijiem sabiex tintbagħat ir-risposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

03.8.3 Għaldaqstant id-deċiżjoni finali dwar din is-sejħa għall-offerti tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

## 03.9 <u>AĠĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER TAL-MANUTENZJONI TAT-TABELLI U S-SINJALI TAT-TRAFFIKU – QLC – TSRM 49/19</u>

03.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li b'kollox kien hemm żewġ offerenti għal din is-sejħa li kienu:

- Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku;
- Road Technologies Ltd.

03.9.2 Qal li waqt il-laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, ħareġ li l-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku tefgħu l-aktar offerta vantaġġjuża.

03.9.3 Żied li l-Bord qiegħed jirrakkomanda li l-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku għandha tingħata dan il-kuntratt.

03.9.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona li l-kuntratt għandu jingħata lill-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

## 03.10 <u>AĠĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER GĦAL SERVIZZI PROFESSJONALI TAL-PERIZJA – QLC – ARC 49/19</u>

03.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li b'kollox kien hemm tliet offerenti għal din is-sejħa għall-offerti. Dawn kienu:

- Perit Karl Cutajar;
- Med Developers Designers and Consultants Ltd;
- CTP.

03.10.2 Qal li waqt Qal li waqt il-laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, ħareġ li l-Med Developers Designers and Consultants Ltd tefgħu l-aktar offerta vantaġġjuża.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

03.10.3 Żied li l-Bord qiegħed jirrakkomanda li Med Developers Designers and Consultants Ltd għandhom jingħataw dan il-kuntratt.

03.10.4 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja ppropona li l-kuntratt għandu jingħata lil Med Developers Designers and Consultants Ltd u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondat.

## 03.11 BUSINESS PLAN GĦALL-ĦAMES SNIN LI ĠEJJIN MILL-KUNSILL LOKALI

03.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali jrid iħejji dan il-pjan għall-ħames snin illi ġejjin.

03.11.2 Qal li avolja nistgħu nagħmlu dan il-business plan, xorta waħda jħoss li l-Kunsill Lokali donnu jimxi bi crisis management u dan minħabba li l-Kunsill Lokali diġa' jrid jibda jaħseb f'pagamenti li jrid jagħmel minħabba miżuri li qegħdin nidħlu għalihom.

03.11.3 Semma' d-diversi proġetti li l-Kunsill Lokali għandu fil-pjan tiegħu u li jekk dawn ikunu approvati kollha, il-Kunsill Lokali jkollu joħroġ ammont sostanzjali ta' flus.

03.11.4 Qal li personalment huwa jibża' minn business plan ta' ħames snin, imma hemm bżonn naraw kif se nqassmu kollox sabiex il-Kunsill Lokali ma jinqabadx fuq sieq waħda.

03.11.5 Is-Sindku ppropona li għandna niltaqgħu mal-accountant tal-Kunsill Lokali sabiex inħejju dan il-business plan.

## 03.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

03.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li ħarġu żewġ skemi mill-GAL Xlokk dwar attività kulturali li tista' ssir fil-lokalità, kif ukoll attività li trid issir fl-iskola.

03.3.1.1 Qal li dwar attività kulturali, ċertu Joseph Lia avviċinah sabiex fil-Qrendi jsir Kunċert tal-Barokk fejn jinġiebu diversi mużiċisti sabiex

idoqqu fil-Knisja Parrokjali.

03.3.1.2 Fisser kif issa jrid jiltaqa' miegħu sabiex jikkwantifikaw kemm jiswa Kunċert simili u meta dan jista' jsir.

03.3.1.3 Żied ukoll li nistgħu norganizzaw attività l-iskola wara l-ħin u l-Kunsill Lokali jista' jieħu sa massimu ta' €1,000.

03.3.1.4 Heġġeġ lill-Kunsillieri sabiex sal-laqgħa li jmiss jiġu b'ideat dwar x'nistgħu norganizzaw sal-aħħar ta' Diċembru.

03.3.2 Is-Sindku qal li fil-5 t'Ottubru hemm nofstanahar ta' team building għall-Kunsillieri u s-Segretarji Eżekuttivi u l-istaff tal-Kunsilli Lokali.

03.3.2.1 Heġġeġ lill-Kunsillieri sabiex min jista' jattendi javżana sabiex ninfurmaw lill-AKL.

03.3.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li ser issir fl-14 ta' Settembru, b'mod speċjali għall-Kunsillieri l-ġodda.

03.3.3.1 Qal li jixtieq li l-Kunsillieri kollha jattendu għal din il-laqgħa, biss il-Kunsill Lokali jrid iħallas għal din il-laqgħa u allura min jibbukkja jkun irid jattendi għax inkella jkollhom jiġu revokati l-flus.

03.3.4 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni tal-INTERREG u qal li applikajna għaliha.

03.3.4.1 Qal li għadna qed nistennew sabiex naraw jekk il-proġett għaddiex jew le.

03.3.5 Is-Sindku tkellem dwar korsijiet ta' taħriġ organizzati minn kumpanija Spanjola.

03.3.5.1 Qal li s'issa diġa' ħadmu ma' żewġ Kunsilli Lokali u dawn l-Ispanjoli huma min-naħa tal-Ewro-xettiċi.

03.3.5.2 Fisser kif jekk jgħaddi dan il-proġett, ikun hemm ħames konferenzi barra l-pajjiż fejn ikunu jistgħu jmorru żewġ persuni jirrappreżentaw lill-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

03.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 1 tal-GAL Xlokk.

03.3.6.1 Qal li applikajna sabiex jiġu restawrati erba' (4) pilastri li ser jiġu jiswew €12,000.

03.3.6.2 Fisser kif ix-xogħol tal-Perizja ġej jiswa madwar €2,000 filwaqt li r-restawr qed nikkalkulaw li jiġi jiswa mal-€10,000.

03.3.6.3 Żied li diġa' ħarġet it-tieni sejħa għal din il-Miżura, u jistgħu japplikaw anke l-NGOs.

03.3.6.4 Id-data tal-għeluq tat-tieni sejħa ser tkun it-28 ta' Settembru 2019.

03.3.7 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu ma' Steve Bonello, id-Direttur tax-Xogħolijiet.

03.3.7.1 Qal li tkellem magħhom dwar Triq Rokku Buhagiar, sabiex din issir mill-ġdid, imma fisser kif sab diversi oġġezzjonijiet mingħand min kien preżenti għal-laqgħa.

## 03.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

03.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja tkellem dwar sleeping policeman għal Triq Ġużeppi Muscat.

03.4.1.1 Qal li hu tkellem mal-individwi li ser tiġi faċċata tagħhom, u dawn qablu li għandha ssir.

03.4.1.2 Is-Sindku wieġeb li ġaladarba jriduha r-residenti quddiemhom, allura l-Kunsill Lokali m'għandux isib oġġezzjoni li din issir u ser inkellmu lil Transport Malta għall-permess tagħhom f'dan ir-rigward.

03.4.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar sinjali metre metre li jistgħu jsiru fi Triq Manwel Sciberras.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

03.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li dawn kienu diġa' ser isiru darb'oħra imma wieħed mir-residenti ħareġ joġġezzjona biex dawn ma jsirux.

03.4.2.2 Qal li mhijiex problema li dawn isiru sabiex ikollna immanniġjar tat-traffiku aħjar u ser nitkellmu mal-kuntrattur sabiex isiru s-sinjali.

03.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis issuġġeriet li jsir xi forma ta' moniteraġġ f'Wied iż-Żurrieq.

03.4.3.1 Qalet li forsi tkun ideali li jitwaħħlu xi kameras tas-sigurtà biex ikun hemm aktar infurzar u moniteraġġ.

03.4.3.2 Is-Sindku wieġeb li bħala kapital irridu flus sostanzjali sabiex dawn isiru, u anke jekk kemm-il darba jinqabdu xi individwi bil-kameras, xorta ma nsibux għajnuna biżżejjed mingħand l-awtoritajiet li nkunu nistgħu nieħdu ċertu passi.

03.4.4 Il-Kunsilliera Marion Parnis issuġġeriet li jsiru xi tabelli sabiex meta jkun il-mewġ qawwi persuni ma jersqux qrib ix-xatt, eċċ...

03.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li bħala idea hija tajba u li jekk isiru t-tabelli dawn isiru f'diversi lingwi sabiex jinftiehmu minn kulħadd.

03.4.5 Il-Kunsilliera Marion Parnis tkellmet dwar sewqan eċċessiv fi Triq Ġużé Cassar.

03.4.5.1 Staqsiet jekk huwiex possibbli li Triq Nazzareno Mifsud issir one way sabiex il-karozzi ma jsuqux eċċessivament fi Triq Ġużé Cassar.

03.4.5.2 Is-Sindku wieġeb li ser ikun qiegħed jiċċekkja dwar dan il-każ u x'jista' jsir jew ma jsirx minħabba s-sewqan eċċessiv f'din it-triq.

03.4.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar l-Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ u l-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ u qal jekk dawn għadhomx applikabbli.

03.4.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon wieġeb li staqsa lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u għadna qegħdin nistennew risposta definittiva.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

03.4.7 Il-Kunsillier Zerafa staqsa dwar il-parking tat-tempji ta' Ħaġar Qim.

03.4.7.1 Is-Sindku wieġeb li hemmhekk huwa fir-responsabilità ta' Heritage Malta.

03.4.8 Il-Kunsillier Zerafa qal li fil-bidu tat-Triq Filippu Zammit ċediet xi ftit l-art.

03.4.8.1 Is-Sindku wieġeb li ser jiċċekkja dwar dan.

## 03.5 <u>RAPPORTI</u>

03.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport xi jsir mill-Kunsillieri preżenti.

## 03.12 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

03.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €27,136.63 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 07/19 u €23.58 skont il-*Petty Cash* Ref W/07.

03.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

03.12.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

03.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 03.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

03.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 24 ta' Settembru fil-5:30pm.

______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________

**David Schembri**
**Sindku**